MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 739/2001/1

**Avviz numru 739/01DM**

**Lawrence u Antonia Carachi**

**Vs**

**Yvonne Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu li l- konvenuta tigi ikkundannata tizgombra fi zmien qasir u perentorju mill-post 45, Observer Street, Vittoriosa, liema post hija qieghda tiddetjeni minghajr ebda forma ta' titolu validu fil-ligi.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-17 ta' April, 2001 u ittra ufficjali ta' Mejju 2001 kontra l-konvenuta li giet imharrka ghas-subizzjoni.
Il-valur lokatizju ma jaccedix it-tlett mitt lira (Lm300).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament, in-nullita' tal-kawza stante li l-atturi m'ghandhomx 'locus standi' biex jistitwixxu din il-kawza, liema kawza giet istitwita fit-13 ta' Awissu, 2001, filwaqt li l-fond kien diga' gie allokat mid-Dipartiment ghall-Akkommodazzjoni Socjali lill-eccipjenti fl-24 ta' April, 2001 (Dok.YB1);
2. It-talbiet attrici huma frivoli u vessatorji kif ukoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti, spejjez doppji ghall-atturi ;
3. Il-post meritu tal-kawza huwa fond rekwisizzjonat (RO 22586) u d-Dipartiment ghall-Akkommodazzjoni Socjali stess ta struzzjonijiet lill-eccipjenti fl-24 ta' April, 2001 biex tibda thallas il-kera tal-post bir-rata ta' Lm36 fis-sena dirett lis-sid, Dr. Loris Manche'. L-atturi kienu semplici inkwilini mhux rikonoxxuti mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali. Ghalhekk, huma l-atturi li m'ghandhomx titolu validu fil-ligi, u mhux l-eccipjenti ;
4. Fil-meritu, l-eccipjenti ghandha titolu ta' lokazzjoni approvat mid-Dipartiment.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti ;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

L-ewwel (1) eccezzjoni taghha l-konvenuta qieghda tallega illi l-atturi m'ghandhomx *locus standi* biex jistitwixxu din il-kawza li giet istitwita fit-13 ta' Awissu, 2001, billi l-fond jinsab rekwizzjonat u allokat mid-Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Socjali lill-eccipjenti u dan b'effett mill-24 ta' April, 2001 ; fi kliem iehor il-konvenuta qieghda ssostni illi l-atturi m'ghandhom ebda nteress guridiku biex jaghmlu l-azzjoni odjerna illi

ghalhekk jispetta lill-atturi biex jippruvaw l-interess taghhom.

Mill-provi prodotti jirrizulta anzi illi l-atturi definittivament m'humiex il-proprjetarji tal-fond in kwistjoni billi l-partijiet jaqblu illi s-sid huwa certu Dr. Loris Manche' minn San Giljan u inoltre jirrizulta ampjament illi, ghalkemm l-atturi setghu kellhom favur taghhom xi titolu ta' lokazzjoni, dan gie definittivament itterminat billi jirrizulta ndubbjament mid-deposizzjoni ta' Joseph Zammit in rappresentanza tad-Direttur ta' l-Akkommodazzjoni Socjali illi l-fond in kwistjoni kien gie rekwisizzjonat fid-9 ta' Gunju, 1986, permezz ta' 'requisition order' bin-numru 22586 u minn dak inhar il-pussess u amministrazzjoni tal-fond ghadda esklussivament f'idejn id-Direttur ta' l-Akkommodazzjoni Socjali ad eskluzjoni ta' kull persuna ohra li seta' precedentement kellha xi nteress fil-pussess tal-fond, kompriz is-sid Loris Manche'.

Inoltre jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Joseph Zammit illi, wara li d-Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Socjali ghamel l-indagini li hass opportuna, d-Direttur alloka dan il-post lill-konvenuta u fis-27 ta' April, 2001, l-istess Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali sahansitra anke dderiga lill-konvenuta sabiex thallas il-kera direttament lis-sid Dr. Loris Manche'.

Din ir-rekwizizzjoni kienet ghada ssehh fit-13 ta' Awissu, 2001, meta l-atturi pprezentaw dan l-Avviz u ghada ssehh sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant filwaqt illi tiddikjara illi l-atturi m'ghandhom l-ebda nteress guridiku f'din l-azzjoni, issib illi l-konvenuta ghandha effettivament titolu validu fil-ligi a bazi ta' r-rekwizizzjoni msemmija u konsegwentement il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------